MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 359/2011

**Appell Numru: 359/2011**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Oivend Xuereb**

Illum 31 t'Ottubru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. talli ġewwa s-Swieqi fil-lejl ta' bejn it-30 u il-31 ta' Lulju, 2011, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Yaris, bin-numru tar-reġistrazzjoni GBL 534, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeċċedi l-€2,329.37, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta' John Bartoli u/jew persuni oħra;

2. talli fl-istess perjodu, lok, ħin u ċirkostanzi kkometta serq ta' mobile phone ta' l-għamla Samsung, €30 fi flus kontanti u apparat elettroniku, liema serq hu kwalifkat bil-

valur li jeċċedi l-€232.94 iżda li ma jeċċedix l-€2,329.37 għad-dannu ta' l-imsemmi John Bartoli u/jew persuni oħra;

3. talli f'xi żmien bejn it-30 ta' Lulju, 2011 u l-10 ta' Awwissu, 2011 b'nuqqas ta' ħsieb u/jew negligenza kkaġuna ħsara fl-imsemmija vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBL 534, liema ħsara teċċedi l-€116.47 u dan għad-dannu ta' l-imsemmi John Bartoli u/jew persuni oħra;

4. talli fl-10 ta' Awwissu, 2011 u fil-ġimgħat ta' qabel f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala li sar recidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, mogħtija fis-17 ta' Mejju, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Awissu, 2011 fejn Il-Qorti, wara ammissjoni ma sabitx lill-imputat ħati tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk illiberatu minn tali akkuża. Sabithu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u ikkundannatu għal piena ta' dsatax (19) il-xahar priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-2 ta' Settembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

A. Fil-kaz li jidhrilha li ghandha tilqa` l-ewwel aggravju tal-appellant, li thassar tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u ghalhekk wara li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett tirrevokaha u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti istruttorja biex tipprocedi bis-smiegh tal-kawza skond il-ligi;

**<u>jew</u>**

B. Fil-kaz li jidhrilha li ma ghandiex tilqa l-ewwel aggravju tal-appellant, li tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:-

B.1. tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-imputat appellat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

B.2. thassarha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mir-raba` imputazzjoni kontra tieghu (stante li huwa rregistra ammissjoni totali ghall-imputazzjonijiet kollha minghjar rizervi jew kundizzjonijiet relattivament ghall-din l-akkuza)

B.3. thassarha f'dik il-parti koncernanti l-erogazzjoni tal-piena ta' dsatax il-xahar prigunerija u

Minflok ghar-ragunijiet premessi tghaddi biex issib lill-imputat appellat hati wkoll tar-raba` imputazzjoni u teroga l-piena idoneja komplessiva kontra tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe':-

A. Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hawn fuq imsemmija hija nulla u bla effett stante li giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'kuntest procedurali fejn kienu ghadhom ma gewx osservati l-voti tal-Ligi li permezz taghhom Qorti Istruttorja tkun tista` tigi konvertita f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali (ai termini tal-artikoli 370(3)(4) u 401 tal-Kodici Kriminali); kif ukoll f'kuntest fejn ma kienx applikabbli aktar l-artikolu 329A tal-Kodici Kriminali stante li l-ammissjoni kienet registrata fi stadju sussegwenti ghal

dak fejn kienet saret il-mistoqsija fl-artikolu 329(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

B. Sussidjarjament u fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sentenza legalment valida, fi kwalunkwe kaz, ix-xorta jew kwantita tal-piena inflitta kienet differenti minn dik preskritta bil-Ligi ghar-reat li dwaru l-persuna misjuba hatja tkun giet sentenzjata stante li l-istess piena kienet tmur taht il-minimum preskritt mill-Ligi ghar-reati li taghhom l-imputat instab hati.

C. Kif ukoll li l-istess piena inflitta kienet imtaffija wisq tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz ukoll fid-dawl tar-recidivita u l-antecedenti tal-istess imputat.

Ikkunsidrat.

Dana huwa appell ta' l-Avukat Generali fuq punt procedurali fejn qieghed jitlob in-nullita tas-Sentenza peress li l-Ewwel Qorti ma osservatx skrupolizament it-termini tal-Ligi. Ilmenta li s-Sentenza tad-19 ta' Awwissu, 2011 giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'kuntest procedurali fejn kienu ghandhom ma gewx osservati l-voti tal-Ligi li permezz taghhom Qorti Istruttorja tkun tista tigi konvertita f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali (ai termini ta' l-Artiklu 370 (3) (4) u 401 tal-Kodici Kriminali).

Ikkunsidrat.

L-appellat tressaq l-ewwel darba fil-11 ta' Awwissu, 2011 fejn sar l-ezami tieghu minghajr gurament u ddikjara li ma kienx hati u l-kawza giet imhollijha ghas-smieh tal-provi bhala Kumpilazzjoni ghad-19 ta' Awwissu, 2011. Dakinhar l-appellat rega' bdielu u ddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu, l-Qorti tatu zmien biex jerga jahsibha dwar din l-ammissjoni tieghu, l-appellat rega' tenna l-htija tieghu, giet trattata l-kawza u nghatat is-Sentenza (fol 4). Bid-dovut rispett il-Qorti ma setghetx taghmel dan, il ghaliex dik is-seduta f'dak l-istadju l-Qorti tal-Magistrati ma kienetx qieghda tagixxi bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali izda bhala Qorti Istruttorja. Id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 392A tal-Kodici

Kriminali li jawtorizzaw lill-Qorti f'kaz ta'ammissjoni li tikkonverti ruhha f'wahda ta' Gudikatura Kriminali, taghti s-Sentenza u tibghat kopja taghha lill-Avukat Generali japplikaw biss meta l-ammissjoni ssir waqt l-ezami. La darba rrizulta illi waqt l-ezami l-appellat ddikjara illi ma kienx hati, quindi l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatarua Kriminali u baqghet fil-kompetenza Istruttorja. Ma hemm l-ebda impediment ghall-akkuzat li jerga jibdielu u jammetti l-akkuzi fi stadju iehor tal-proceduri, pero' dina ma tbiddilx ix-xenarju procedurali li jkun gie stabbilit mill-istess appellat waqt l-ezami u l-Ewwel Qorti ghandha tissokta bil-kumpilazzjoni u tibghat l-Atti lill-Avukat Generali fejn dan jiehu konjizzjoni ta' l-akkuza u jiddeciedi ghandux jissokta bil-provi jew jibghat l-Artikoli. Ghalhekk meta l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghas-Sentenza taghha matul is-seduta tad-19 ta' Awwissu, 2011 hija ma setghetx legalment taghmel dan ai termini ta' l-Artiklu 392A tal-Kodici Kriminali. Dawn il-Qrati dejjem tennew li Sentenza hekk moghtija tkun nulla u bla effett u din il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza kkwotata mill-Avukat Generali fin-nota ta' l-appell tieghu. Ghalhekk la darba l-Qorti tal-Magistrati ma segwietx l-iter procedurali korrett din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tirrendi s-Sentenza ta' l-istess Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Awwisu, 2011 bhala nulla u bla effett.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali, tiddikjara s-Sentenza appellata nulla u bla effett u ghalhekk tirrevoka l-istess Sentenza u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-Atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Struttorja sabiex dik il-Qorti tipprocedi bis-smiegh tal-kawza skont il-Ligi, tqieghed lill-appellat fl-istess pozizzjoni li kien immedjetament wara li kien ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------